MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2092/1998/1

**VASSALLO BUILDERS GROUP LIMITED** ġja magħrufa bħala Vassallo Builders Limited

vs

John A. **SAID** f’ismu proprju u kif ukoll bħala uffiċjal u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ *Ħbieb ta’ l-Annimali*; u b’degriet tat-3 ta’ Novembru, 2000, l-Avukat Dottor Anthony Farruġia-Sacco, president, u Roger Aquilina, segretarju, ġew ammessi fil-kawża *in statu et terminis*, liema degriet tħassar *contrario imperio* b’degriet tad-9 ta’ Frar, 2001; u b’Nota tal-21 ta’ Ġunju, 2001, l-imsemmija Avukat Dottor Anthony Farruġia-Sacco u Roger Aquilina assumew l-atti tal-kawża f’isem l-assoċjazzjoni *Ħbieb ta’ l-Annimali*

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Ottubru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) ssib li hija għandha tieħu mingħand l-imħarrek u mingħand is-soċjeta' *Ħbieb tal-Annimali* s-somma ta' sitt elef erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm 6,480)[1] li tirrappreżenta l-prezz ta' għadd ta' xogħlijiet, magħduda xogħol ta' bini, minnha magħmul fuq Manoel Island (*recte*: Marsaxlokk) fuq talba tal-imħarrkin. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Jannar, 1999[2], li bih sabet li l-imħarrkin kellhom raġuni tajba biex jitħallew jikkontestaw il-kawża, u tathom żmien biex iressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek *proprio* u *nomine* fid-29 ta' Jannar, 1999 li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li huwa kien responsabbli biss għall-ħlas tax-xogħol li kien miftiehem bejnu u l-kumpannija attriċi f'kitba li saret fis-7 ta' Awissu tal-1995. Żied jgħid li hu ma kienx qabbad lill-kumpannija attriċi tagħmel xogħol ieħor minbarra dak imsemmi fl-imsemmija kitba, u għalhekk kull xogħol żejjed li ntalab u sar irid iħallas għalih min talbu u mhux hu. Qal li lilu jirriżultalu li dak ix-xogħol żejjed intalab minn terzi – l-Għaqda *The Island Sanctuary* – u mhux mill-Għaqda mħarrka jew minnu. Temm jgħid li s-somma li kienet tħallset sa dak iż-żmien ta' tlitt elef tmin mija u ħamsin lira Maltija (Lm 3,850) kienet ħlas biżżejjed għal dak li kien miftiehem fl-imsemmi ftehim;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Novembru, 2000[3], li bih laqgħet it-talba tal-Avukat Dottor

[1] Li jġibu € 15,094.34 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 17 tal-proċess
[3] Paġ. 95 tal-proċess

Anthony Farruġia-Sacco, bħala President u ta' Roger Aquilina, bħala Segretarju, tal-Għaqda mħarrka, sabiex jidħlu fil-kawża *in statu et terminis*, liema degriet tħassar *contrario imperio* b'ieħor tad-9 ta' Frar, 2001[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-22 ta' Mejju, 2001[5];

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Avukat Anthony Farruġia-Sacco u Roger Aquilina, fil-kwalita' tagħhom ta' president u segretarju rispettivament tal-għaqda mħarrka fil-21 ta' Ġunju, 2001, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li huma ma kellhom qatt l-ebda rabta ġuridika mal-kumpannija attriċi u l-għaqda tagħhom qatt ma daħlet f'xi ftehim magħha jew qabbditha tagħmel xi xogħol għaliha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-10 ta' Novembru, 2003[6], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrkin waqt is-smigħ tat-3 ta' Diċembru, 2003;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-Avukat Anthony Farruġia-Sacco u Roger Aquilina fl-10 ta' Marzu, 2004[7];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[4] Paġ. 98 tal-proċess
[5] Paġġ. 101 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 142A sa 151 tal-proċess
[7] Paġ. 154 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' xogħol magħmul f'appalt. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "VBG") qiegħda titlob il-ħlas ta' bilanċ ta' xogħol magħmul minnha f'sit f'Manoel Island[8], skond ftehim f'kitba li saret f'Awissu tal-1995;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek *proprio* u *nomine* laqa' billi qal li x-xogħol miftiehem mhux kollu sar, li qiegħed jitfittex għal xogħol li hu ma ordna qatt li jsir (u li jekk sar, dan sar minn wara dahru), u li, f'kull każ, il-ħlas li wettaq sa dak inhar kien ħlas biżżejjed għax-xogħol li sar, u li kien dam biex isir sa wara ż-żmien miftiehem;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'xi żmien matul l-1995 waqt li kien qiegħed jitfassal proġett ta' żvilupp fuq Manoel Island, għadd ta' klieb li kienu qegħdin jinżammu hemmhekk kienu ser jitneħħew. Bil-ħsieb li kemm jista' jkun ma jinqatlux l-imsemmija klieb, l-Għaqda mħarrka kienet indaħlet biex dawk il-klieb jiddaħħlu fil-kura ta' Assoċjazzjoni li kellha kenn għall-klieb f'Tas-Silġ, limiti ta' Marsaxlokk. Billi l-imsemmi kenn ma kienx f'qagħda tajba, nħasset il-ħtieġa li jsir xogħol ta' titjib tal-istabiliment, ukoll biex ikun jiflaħ jilqa' fih l-għadd ta' klieb li kienu sejrin jinġarru minn Manoel Island;

Illi f'dak iż-żmien, l-imħarrek kien il-president tal-Għaqda mħarrka. L-imħarrek talab lil VBG biex tagħtih stima tan-nefqa meħtieġa biex isir dak it-titjib. F'Lulju tal-1995[9] ingħatat l-istima, b'kalkolu wkoll taż-żmien li x-xogħol kien mistenni jieħu: kien maħsub li x-xogħol kien jitla' għal bejn erbat elef sa erbat elef u ħames mitt Liri Maltin, "*dependant on the extent of drainage work that will have*

---

[8] Fil-fatt, ix-xogħol sar band'oħra f'Tas-Silġ, f'Marsaxlokk
[9] Dok " A1", f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess

*to be constructed*". Fis-7 ta' Awissu, 1995[10], sar il-ftehim tal-appalt bejn VBG u l-imħarrek "*on behalf of Ħbieb tal-Annimali*" bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Ix-xogħol kellu jinbeda jumejn wara u jintemm fl-aħħar ta' dak l-istess xahar. Ma kienet miftehma l-ebda penali għad-dewmien, iżda kien miftiehem li jitħallas akkont ta' elf lira Maltin (Lm 1,000) bil quddiem, filwaqt li l-bilanċ kellu jitħallas f'żewġ rati ndaqs fl-aħħar ta' Settembru u fl-aħħar ta' Ottubru tal-1995. Mill-atti tal-kawża jidher li x-xogħlijiet li dwarhom kien hemm qbil li kellhom isiru kienu mfissra f'hekk imsejħa "Dokumenti Kuntrattwali". Dawn id-dokumenti ma tressqu qatt tul is-smigħ tal-kawża minn l-ebda waħda mill-partijiet u lanqas ma ntwera jekk dak ix-xogħol miftiehem kienx differenti minn dak li dwaru ngħatat l-istima;

Illi f'April tal-1996[11], VBG ħarġet kont tax-xogħlijiet magħmula u li kien jammonta b'kollox għal tmint elef disa' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm 8,983.10)[12] li minnu qatgħet xi ħlasijiet akkont li kienu saru sa dak iż-żmien. Jidher li sa Lulju tal-1996 kienu saru xi ħlasijiet akkont mix-xogħijiet kollha li saru[13], filwaqt li bejn Lulju tal-1996 sa ma nfetħet il-kawża kienu tħallsu elf lira (Lm 1,000) oħra, imma f'Ġunju tal-1997 jidher li saret żieda b'aġġustament ta' xogħol ieħor fis-somma ta' Lm 2,197.49[14];

Illi kienu saru laqgħat[15] bejn uffiċjali ta' VBG u l-imħarrek, u rappreżentanti wkoll ta' *The Island Sanctuary*, imma ma kienx instab tarf tal-problema tal-ħlas bilanċjali li VBG kienet għadha qiegħda tippretendi. Il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>aspetti ġuridiċi marbutin mal-każ,</u> il-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel kull ħaġa oħra, tidħol fuq żewġ aspetti proċedurali li joħorġu mill-atti. Dawn jirrigwardaw l-"eċċezzjonijiet" imressqin minn żewġ

[10] Dok "A1", f'paġġ. 25 sa 30 tal-proċess
[11] Dokti "B" u "AV3", f'paġġ. 35 u 47 – 8 tal-proċess
[12] Li jġibu € 20,925 fi flus tal-lum
[13] Dok "AV1", f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[14] Dok "AV2", f'paġ. 46 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Ronnie Axiaq 16.4.1999, f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess

persuni li assumew l-atti tal-kawża f'isem l-Għaqda mħarrka, u s-sottomissjoni magħmula mill-imħarrkin dwar il-post fejn sar ix-xogħol li dwaru VBG qiegħda titlob il-ħlas;

Illi **dwar in-Nota tal-Eċċezzjonijiet** imressqa mill-Għaqda mħarrka f'Ġunju tal-2001, din il-Qorti tqis li l-istess Għaqda kienet diġa' ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha mal-bidu tal-kawża permezz tal-imħarrek Said, li kien tħarrek kemm f'ismu proprju u kif ukoll f'isimha. Ġara li, minħabba qlib li seħħ fi ħdan l-istess Għaqda, l-imħarrek ma kienx baqa' aktar jirrappreżentaha u ngħatat xhieda[16] li l-istess Għaqda bidlet is-sura tagħha u beda jingħad li bejn il-pożizzjoni tal-imħarrek *proprio* f'din il-kawża u l-Għaqda setgħet inqalgħet konflittwalita'. Jidher li kien minħabba f'hekk li, l-ewwel sar tentativ minn uffiċjali tal-Għaqda biex jitolbu li jissejħu fil-kawża u mbagħad (meta l-istadju tal-ġbir tal-provi kien qiegħed fi stadju avvanzat), l-istess uffiċjali daħlu fil-kawża billi f'isem l-Għaqda assumew l-atti;

Illi, madankollu, b'dawk il-manuvri ma jistax jingħad li saret xi sejħa fil-kawża ta' xi parti li qabel ma kinitx fil-kawża, u lanqas ma seħħ xi intervent *in statu et terminis*, u għalhekk it-tressiq ta' Nota ta' Eċċezzjonijiet irid ikun regolat minn dak li huwa mħolli li jsir skond il-liġi. Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tagħha, VBG tissottometti li din il-Qorti jmissha tinjoraha għal kollox u tiskarta l-imsemmija "eċċezzjonijiet"[17];

Illi huwa fatt li ħadd ma talab permess lill-Qorti (ukoll kif kienet diversament presjeduta fiż-żmien rilevanti) biex titħalla titressaq xi eċċezzjoni ulterjuri[18]. Lanqas ma jista' jingħad li l-"eċċezzjoni" mressqa fin-Nota taħt eżami hija xi waħda li tista' tintgħata f'kull waqt tal-proċediment jew li nqalgħet il-ħtieġa tagħha waqt il-kawża[19]. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ssib li l-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet saret bi ksur tal-liġi tal-proċedura u

[16] Xhieda ta' Dottor A. Farruġia-Sacco 24.3.2000, f'paġġ. 77 sa 81 tal-proċess
[17] § 8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġġ. 150- 1 tal-proċess
[18] Art. 728(2) tal-Kap 12
[19] Art. 731 tal-Kap 12

għaldaqstant irrita u m'hijiex sejra tqisha, iżda tordna t-tneħħija tagħha mill-atti tal-kawża;

Illi għalhekk, sejjer jitqies li l-eċċezzjonijiet tal-Għaqda mħarrka huma dawk li tressqu mill-imħarrek, u jiġifieri: (i) li huma responsabbli biss għax-xogħol li kien hemm ftehim dwaru, (ii) li huma ma qabbdu lil VBG biex jagħmlu l-ebda xogħol ieħor li ma kienx dak miftiehem; u (iii) li l-ħlas li kien sar sa dak inhar kien ħlas mistħoqq għax-xogħol miftiehem fil-kitba tal-appalt;

Illi dwar **is-sottomissjoni tal-imħarrkin dwar il-post fejn sar ix-xogħol** irid jingħad li mill-provi mressqa ma hemmx dubju li x-xogħol li dwaru VBG tippretendi l-ħlas f'din il-kawża ma sarx f'Manoel Island (kif jissemma fiċ-Ċitazzjoni) iżda f'Tas-Silġ, fil-limiti ta' Marsaxlokk. L-imħarrkin jissottomettu[20] li kemm il-premessi taċ-Ċitazzjoni u kif ukoll it-tieni talba ma jaqblux mas-sewwa u jgħidu li t-talba għalhekk ma tistax tintlaqa' u li, jekk kemm-il darba t-talba kif magħmula tintlaqa' l-Qorti tkun qiegħda tilqagħha *extra petita*;

Illi għal din is-sottomissjoni VBG ma tagħmel l-ebda kumment;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni mqanqla mill-imħarrkin m'hijiex ta' xkiel kbir biex il-każ jinstema' u jsir ħaqq fuq il-merti tiegħu proprji. Huwa ċar ħafna u ippruvat kif imiss li kull xogħol li dwaru VBG qiegħda tfittex il-ħlas tiegħu f'din il-kawża sar f'Tas-Silġ. Minkejja li l-ebda waħda mill-partijiet, fl-ebda waqt tal-kawża, ma talbet li dan in-nuqqas jissewwa, l-Qorti tista' tordna minn rajha li tintagħmel dik il-bidla[21] ladarba hija tal-fehma li bidla bħal dik la tibdel fil-qofol tagħha l-azzjoni u lanqas l-eċċezzjoni fil-mertu, liema bidla, bil-liġi, tista' ssir sa l-ħin li tkun sejra tingħata s-sentenza;

Illi għalhekk bis-saħħa tad-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi l-Qorti qiegħda tordna li l-kliem "Manoel Island" fl-ewwel

[20] § 2 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 105 tal-proċess
[21] Art. 175(3) tal-Kap 12

premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni u fit-tieni talba fl-istess att jinbidlu bil-kelma "Marsaxlokk";

Illi għal dak li jirrigwarda l-**azzjoni attriċi fil-mertu** jinstiltu żewġ konsiderazzjonijiet: l-ewwel waħda hija dik li tistħarreġ x'kien tassew miftiehem fl-appalt mogħti, u, fit-tieni lok, jekk kienx hemm persuni oħrajn li jridu jwieġbu għal dak ix-xogħol li seta' sar b'żieda ma' dak miftiehem. Dan qiegħed jingħad għaliex, minbarra raġunijiet oħrajn miġjuba 'l quddiem mill-imħarrkin, jidher li hemm qbil li l-prezz tax-xogħol mitlub f'din il-kawża jgħodd fih xogħol li żdied ma' dak li dwaru kien sar il-ftehim oriġinali (*extra works* jew, kif isejħilhom wieħed mix-xhud ta' VBG[22], "*variation order*");

Illi fil-każ tal-ftehim tal-appalt mertu ta' din il-kawża, jidher li l-ftehim kien wieħed ta' xogħol b'rati skond il-kejl, għalkemm f'xi partita minnu (dik li tirreferi għat-tindif tas-sit biex titqiegħed is-sodda tal-gaġeġ) kienet issemmiet "*lump sum*". Il-prezz kellu jitħallas f'biċċa (elf lira Maltin) bil quddiem u l-bqija f'żewġ ħlasijiet indaqs fl-aħħar ta' Settembru, 1995 u l-ieħor fl-aħħar ta' Ottubru, 1995[23]. Jirriżulta li, bħala fatt, sar fuq is-sit xogħol aktar minn dak li kien miftiehem, u li ż-żminijiet tal-ħlas ma tħarsux;

Illi meta appalt jingħata għal prezz maħdum skond rati maqbula u li jkun jiddependi minn kejl li jsir minn perit imqabbad mill-kommittent, tidħol fin-nofs il-kwestjoni dwar il-ħlas xieraq lill-appaltatur. Huwa prinċipju bażilari li l-ħlas lill-appaltatur dwar xogħol lilu appaltat isir dovut biss malli jitwettaq l-appalt, u tkun intempestiva t-talba tiegħu għall-ħlas magħmula qabel ma jkun temm dak li ntrabat li jwettaq[24], sakemm il-ftehim bejnu u l-kommittent ma jkunx jaħseb għal ħlasijiet akkont. F'dan il-każ, joħroġ ċar li l-ftehim kien jaħseb għal ħlas akkont **qabel** ma nbeda x-xogħol, u wkoll (żewġ) ħlasijiet bilanċjali wara li jkun intemm ix-xogħol u nħareġ kont fuq il-kejl magħmul. Naturalment, meta wieħed jgħid li x-xogħol irid ikun sar

[22] Xhieda ta' Ronnie Axiaq 16.4.1999, f'paġġ. 52 u 59 tal-proċess
[23] Dok "A1 » f'paġ. 26 tal-proċess
[24] P.A. **14.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Cavallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.650**)

kollu, jkun qiegħed jifhem ukoll li jkun sar sewwa kif jitolbu s-sengħa u l-arti[25];

Illi d-diffikulta’ vera titnissel meta, flimkien max-xogħol miftiehem, l-appaltatur iwettaq xogħol ieħor. Dan jista’ jseħħ jew minħabba li, min-natura nfisha tal-appalt mogħti, tinħoloq il-ħtieġa ta’ xogħol żejjed, jew inkella għaliex, hu u għaddej ix-xogħol, il-kommittent (jew ħaddieħor) jitlob li jsiru xogħlijiet oħrajn (*extra works*). Mhux kull xogħol imwettaq żejjed f’appalt jista’ jitqies bħala “*extra works*” fis-sens hawn imfisser[26];

Illi ġie stabilit ukoll li meta jingħata xogħol b’żieda waqt li jkun qiegħed jitwettaq appalt, u ma jkunx sar ftehim ġdid, dak ix-xogħol żejjed għandu jitqies bħala estensjoni tal-appalt kif miftiehem fil-bidu, bl-istess rata ta’ ħlas[27]. F’każ li jitnissel dubju jekk kienx sar ftehim ġdid u sakemm ma ssirx prova ta’ ftehim xort’oħra, xogħol żejjed li jitwettaq f’appalt li fih ikun sar ftehim dwar il-ħlas, jitqies bħala estensjoni ta’ dak l-appalt u mħares bl-istess ftehim[28];

Illi l-liġi tagħna[29] timxi mar-regola li l-bidla jew żieda fix-xogħol miftiehem f’appalt ta’ bini jew ta’ “xogħol ieħor kbir” ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal żieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew żieda ma jkunux gravużi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni – bħalma jidher li teżisti f’liġijiet ta’ pajjiżi oħrajn[30] – bejn meta x-xogħol ġdid jew żejjed ikun inħalaq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuż għall-appaltatur;

Illi, madankollu, wieħed tajjeb li jżomm quddiem għajnejh ukoll li fejn ix-xogħol mitlub “żejjed” jew miżjud wara li jkun sar il-ftehim tal-bidu jkun xogħol ta’ siwi jew valur mhux ċkejken, ma jibqgħux jgħoddu aktar id-dispożizzjonijiet tal-

---

[25] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
[26] P.A. AJM **5.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louise Sant Fournier noe vs Jawad Shaikh et***
[27] P.A. TM **19.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Camilleri et vs Charles Farruġia et noe***
[28] App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Spiteri et***
[29] Art. 1639 tal-Kap 16
[30] Ara, per eżempju, l-artt. 1660 u 1661 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, imbasta tali xogħlijiet ma jkunux jaqbżu waħda minn sitta tal-appalt oriġinali

artikolu 1639 tal-Kodiċi Ċivili, u jkun xieraq li ta' dak ix-xogħol l-appaltatur jingħata ħlas[31] u dan ukoll b'rispett għall-massima li *omnis labor optat proemium*;

Illi fil-każ tal-lum, kif ingħad, l-appalt ma kienx wieħed mogħti lil VBG (il-kuntrattur) għal prezz wieħed, u għalih kienu japplikaw espressament l-ispeċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet imfissrin fil-ftehim miktub taħt kundizzjonijiet li kienu mehmuża mal-istess ftehim u li l-qbil dwarhom joħroġ mill-iffirmar tiegħu mill-imħarrek u minn rappreżentant ta' VBG. Dan l-iffirmar jikkostitwixxi l-*consensus in idem* bejn il-partijiet;

Illi, madankollu, kif din il-Qorti diġa' rrilevat, ix-xogħlijiet li fl-aħħar mill-aħħar kienu miftehma bejn il-partijiet ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża. F'dan ir-rigward, VBG ma ressqet qatt kopja tal-ftehim, filwaqt li l-imħarrkin ressqu kopja ta' biċċa mill-ftehim mingħajr id-"Dokumenti kuntrattwali" debitament iffirmati, imma żiedu kopja tal-istima li kienet ingħatatilhom ftit jiem qabel;

Illi minn eżami tal-provi mressqa fil-kawża, l-aktar dawk dokumentali, l-Qorti tasal għall-fehma li x-xogħlijiet żejda li VBG intalbet tagħmel kienu jmorru lil hinn mix-xogħol oriġinali miftiehem, għalkemm sar b'konnessjoni miegħu. Jidhrilha wkoll li dak ix-xogħol żejjed kien gravuż għal VBG u jrid jitħallas. Wara li l-Qorti qabblet id-dokumenti mressqa hija tasal għall-fehma wkoll li x-xogħlijiet kollha li dwarhom bagħtet il-kont kienu saru u ma talbitx ħlas għal xi xogħlijiet li, minkejja li msemmija fil-ftehim, ma sarux. Iżda, meta qabblet l-istess provi dokumentali, u fin-nuqqas tal-aqwa prova li setgħet tingħata b'kopja tad-dokumenti oriġinali u sħaħ, hija tislet il-fehma li x-xogħlijiet maqbula fil-kitba tas-7 ta' Awissu, 1995 kienu dawk li ssemmew ftit jiem qabel fl-istima tal-31 ta' Lulju, 1995, u kull xogħol ieħor li dwaru VBG titlob il-ħlas huwa xogħol mitlub żejjed wara li sar l-iffirmar tal-ftehim. Din il-fehma tagħha tinbena fuq għadd ta' fatturi, ewlenin fosthom hemm: (a) il-prezz innifsu tax-xogħol stmat, li jaqbel mal-ammont fatturat għall-istess xogħol, (b) li x-xogħol żejjed kien

[31] App. Inf. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Topserv Ltd. vs Edwin Vella noe***

jirreferi għal suriet oħra ta' xogħol li dwarhom ma kienet ingħatat l-ebda stima, u (ċ) li fil-kont "*itemised*" mibgħut minn VBG lill-imħarrek l-ewwel tliet partiti jaqblu mal-partiti msemmija fl-imsemmija stima dwar ix-xogħol miftiehem li kien tassew sar. B'żieda ma' dan, il-Qorti tinnota li f'wieħed mid-dokumenti mressqin minn VBG innifisha (Dok "AV3"), l-imsemmija tliet partiti tniżżlet l-ittra "c" ħdejhom. Għalkemm ma ngħatat l-ebda tifsira ċara ta' xi tfisser dik l-ittra ħdejn kull waħda mill-imsemmija partiti, il-Qorti ma taħsibx li tkun ħaġa ta' barra minn hawn li tasal għall-fehma li dik l-ittra tfisser sewwasew "*contract*", jiġifieri x-xogħlijiet miftehma li dwarhom kien sar qbil. Dak huwa dokument ġenerat minn VBG innifsha u mressaq minnha waqt il-ġbir tal-provi;

Illi wara li l-Qorti qieset il-kwestjoni dwar l-appalt imwettaq, sejra tgħaddi issa biex tqis **min hu marbut li jħallas il-bilanċ mitlub mill-kumpannija attriċi**. Dan ikollu jsir minħabba li waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin hi fis-sens li VBG qiegħda tippretendi ħlas għal xogħol li ma kinux huma li qabbduha tagħmlu. Jgħidu li kien ħaddieħor – l-assoċjazzjoni *The Island Sanctuary* – li talbet u ngħatat dak ix-xogħol u li bejn dik l-assoċjazzjoni u bejn l-imħarrkin ma hemm l-ebda rabta[32];

Illi d-determinazzjoni ta' din il-kwestjoni hija meħtieġa għaliex l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna hija waħda perentorja tal-ġudizzju[33] u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-istadju tal-appell[34], u wkoll jekk mill-Qorti nnifisha *ex officio*[35];

Illi xieraq jingħad b'mod ġenerali li s-sejbien minn Qorti li tali persuna hija kontradittur leġittimu m'għandhiex tissarraf f'konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija tat-talba magħmula kontriha f'dik il-kawża. Id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tifisser bl-ebda mod li dik il-Qorti

[32] Xhieda ta' Dr. A. Farruġia-Sacco 24.3.2000, f'paġġ. 78 u 80 tal-proċess
[33] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros noe vs Petrococchino et*** ( Kollez. Vol: **XXXIV.i.321**)
[34] P.A. **28.6.1927** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XXVI.ii.477**); u App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta' Filarmonika 'La Stella' vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)
[35] Kumm. **15.1.1907** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech noe vs Darmanin*** (Kollez. Vol: **XX.iii.1**)

ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta’ dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar ’il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-ħtijiet jew għad-djun attribwiti lilha mill-parti attriċi[36];

Illi fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha[37] u wara li rat b’liema mod kienet żviluppat ix-xhieda fil-każ, VBG tippostula l-qagħda li bejn l-Għaqda mħarrka u l-Assoċjazzjoni *The Island Sanctuary* kien hemm bħal xirka (hija ssejħilha “assoċjazzjoni partikolari .. li tixbah ħafna lis-soċjeta’ partikolari ċivili b’differenza pero’ li fil-kuntest ta’ tali assoċjazzjoni partikolari ma hemmx kontemplat il-qsim tal-qligħ”) b’*modus operandi* bejniethom dwar kif kellu jitwettaq il-proġett li VBG tqabbdet tagħmel. Il-ħsieb ta’ VBG hu biex twarrab min-nofs id-diffikulta’ li nqalgħet bl-eċċezzjoni tal-imħarrkin fis-sens li x-xogħlijiet żejda kollha li VBG tqabbdet tagħmel kienu ntalbu minn *The Island Sanctuary* u mhux mill-imħarrkin jew bi qbil magħhom. Lanqas ma għenet lil VBG iċ-ċirkostanza li, wara li ntemmu x-xogħlijiet appaltati, bdiet titkellem ukoll mal-miżżewġin Dalli li kienu jirrappreżentaw lil *The Island Sanctuary* u tisħaq magħhom għall-ħlas tal-bilanċ tal-appalt;

Illi, mill-bidunett, il-Qorti tgħid li hija tal-fehma li l-argumenti kollha ta’ VBG dwar xi sura ta’ soċjeta’ ċivili bejn *Ħbieb ta’ l-Annimali* u *The Island Sanctuary* m’humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Jidher li dawn l-argumenti huma biss ipoteżi maħsuba biex twarrab il-problema ta’ min huwa l-kontradittur leġittimu ta’ VBG u jinbnew fuq sura fittizja ta’ ‘assoċjazzjoni’ li ma ssibx għarfien fil-liġi[38]. Bħala punt ta’ dritt, hija r-rieda tal-liġi li t-twaqqif ta’ kull soċjeta’ ċivili jseħħ biss bis-saħħa ta’ kitba taħt piena ta’ nullita’[39]. Fil-każ tal-lum, ma ntweriet l-ebda kitba bħal din. Bħala punt ta’ fatt, hemm xhieda li turi li

---

[36] Ara App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Franz Refalo et vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
[37] §§ 4 sa 6 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħha f’paġġ. 144 – 8 tal-proċess
[38] Id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili (b’mod partikolari s-Sub-Titolu III tiegħu) ma kinux għadhom daħlu fis-seħħ fiż-żmien rilevanti tal-ġrajja tal-kawża, għalkemm f’dak il-każ ukoll, kieku kienu jgħoddu, l-liġi trid li kull ftehim li jistabilixxi assoċjazzjoni jmissu jkun bil-miktub *ad validitatem* (art. 49(1))
[39] Art. 1233(1)(f) tal-Kap 16

bejn iż-żewġ għaqdiet ma kien hemm l-ebda rabta f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija, statut jew sede. Il-fatt li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-Għaqda mħarrka waslet f'arranġament ma' *The Island Sanctuary* dwar il-proġett u x'se' jsir mill-klieb li kienu qegħdin jinżammu f'Manoel Island, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jwassal biex wieħed jgħid li kienet tnisslet assoċjazzjoni partikolari bejniethom;

Illi għalhekk is-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar min hu l-kontradittur leġittimu ta' VBG f'din il-kawża trid tinstab band'oħra;

Illi l-qofol ta' l-azzjoni attriċi fil-każ preżenti jintrabat ma' talba għal ħlas dipendenti mal-eżistenza ta' ftehim, jew aħjar obbligazzjoni. Ir-rwol tal-partijiet involuti joħroġ minn dik l-obbligazzjoni u huwa determinabbli minnha. Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[40], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[41]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[42], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[43];

Illi fil-każ tal-għoti ta' appalt il-liġi ma titlobx li l-ftehim għandu jsir bil-miktub. Fil-prattika, dan ifisser li l-ħatra li tingħata biex wieħed jagħmel xi ħaġa għal ħaddieħor tieħu s-sura ta' mandat u għaliha japplikaw ir-regoli tal-kuntratt tal-mandat, li miegħu l-appalt għandu xebh[44]. Għalkemm min irid jagħmel l-affarijiet sewwa s-soltu jieħu ħsieb li jiżgura li l-appalt ikun mibni fuq ftehim miktub bid-dettalji

[40] Art. 998 tal-Kap 16
[41] Art. 999(1) tal-Kap 16
[42] Art 1000 tal-Kap 16
[43] Art 1001 tal-Kap 16
[44] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. PS **10.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Alexander Borġ et noe et vs Anthony Briffa et noe et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-**8.1.2010**)

kollha tax-xogħol li huwa meħtieġ li jsir u bir-rati miftehma, jiġri wkoll li drabi oħra l-ħatra ssir bil-fomm biss u din taf tħalli taħwid dwar in-natura vera tal-istess ħatra u tal-kundizzjonijiet li taħthom tkun magħmula, kif seħħ f'dan il-każ;

Illi r-rabta ġuridika li tinħoloq minn ftehim ta' appalt hija waħda personali b'mod li titnissel presunzjoni *iuris tantum* li min kien qiegħed jikkontratta għamel hekk f'ismu personalment. Biex dik il-preżunzjoni titwaqqa', min jallega li persuna kienet qegħda tiftiehem għal ħaddieħor irid juri li l-parti l-oħra wkoll kienet taf b'dan[45]. Minbarra dan, għalkemm hu minnu li tnejn jistgħu jiftehmu bejniethom u jħallu wħud mill-obbligi taħt dak il-ftehim tagħhom biex jitwettqu minn terz, ftehim bħal dan ma jġibx li t-terz sar parti fil-kuntratt jew li twassal biex dak it-terz jintrabat li jħallas lill-kreditur dak li kellu jitħallas mid-debitur veru tal-obbligazzjoni[46];

Illi ngħad li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[47], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[48];

Illi fil-każ tal-lum, jidher ċar li meta l-imħarrek kien beda jitlob lil VBG biex tikkwota prezz għax-xogħol mitlub, dan uriha b'mod ċar li kien qiegħed jitkellem bħala president tal-Għaqda mħarrka. Dan joħroġ mill-istess stima li hija indirizzata lill-"*President – Ħbieb tal-Annimali*". Hekk ukoll tniżżel fil-kuntratt, meta l-imħarrek deher fuq il-kitba "*on behalf of Ħbieb tal-Annimali*". Fil-fehma tal-Qorti, hija ħaġa ċara li l-imħarrek ma kienx qiegħed jittratta u jiftiehem f'ismu personali, imma f'isem l-Għaqda. Issa huwa minnu li l-Għaqda ma kellhiex personalita' ġuridika separata, u għalhekk, l-imħarrek ried jagħmel tajjeb għal kull rabta li l-Għaqda mħarrka tidħol għaliha, u kull kwestjoni li huwa seta' qabeż il-mandat mogħti lilu hija xi

---

45 App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et noe et vs Feliċe*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.358)**
46 App.Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti et.***
47 Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
48 Art. 993 tal-Kap 16

ħaġa ta' bejnu u l-istess Għaqda li ma jolqotx u ma jinteressax lil VBG;

Illi dan huwa biss biċċa mill-konsiderazzjonijiet li jmisshom isiru. Fuq dak li ssemma aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti hija tal-fehma li x-xogħlijiet iż-żejda li ntalbet tagħmel VBG m'għandhomx jitqiesu bħala estensjoni naturali tal-appalt oriġinali mogħti fil-kitba tas-7 ta' Awissu, 1995, imma xogħol miżjud apparti, ukoll jekk marbut mal-proġett li kien qiegħed isir. Il-Qorti tasal għal din il-fehma minħabba li, fl-ewwel lok, jekk kemm-il darba x-xogħol miżjud kellu jitqies bħala parti mill-ftehim, ried isir u jinqabel skond ma jitlob l-istess ftehim. Il-Klawsola 14[49] tal-ftehim tgħid kif dan messu sar, u mill-provi mressqa fil-kawża dan il-proċess ma ntweriex li tħares bl-ebda mod: f'każ bħal dan, il-

klawsola tagħmilha ċara li l-"Kuntrattur ma jkollu l-ebda pretensjoni valida għal xi kumpens u/jew estensjoni tal-Perjodu tal-Kuntratt". Fit-tieni lok, ix-xogħol, żejjed li sar kien jiswa ftit aktar mid-doppju tal-valur stmat tax-xogħol oriġinali miftiehem, u għalhekk jidher li kien aktar minn sempliċi estensjoni tax-xogħol miftiehem. Fit-tielet lok, VBG innifisha taqbel li x-xogħol żejjed baqa' jkun ordnat saħansitra wara li kien miftiehem li jintemm ix-xogħol oriġinali li dwaru saret il-kitba tal-appalt. Fir-raba' lok, jidher li VBG innifisha kienet għarfet li x-xogħol żejjed kien intalab mill-miżżewġin Dalli f'isem *The Island Sanctuary* u mhux mill-imħarrkin. Dan joħroġ mill-fatt li, fil-laqgħat li saru wara li nħareġ il-kont, VBG kienet titkellem ukoll ma' l-imsemmija miżżewġin Dalli dwar kif se' jħallsu l-bilanċ, minbarra li Paul Dalli kien meqjus minn VBG bħala l-"perċimes" tax-xogħlijiet żejda li saru[50];

Illi l-Qorti tħoss li f'dan ir-rigward jkun xieraq li ssemmi x-xhieda ta' Ronnie Axiaq, rappreżentant ta' VBG, meta mistoqsi dwar f'liema kapaċita' deher l-imħarrek fil-laqgħat li saru meta kien qiegħed ikun diskuss il-kont rivedut.

[49] Ara Klawsola 14, f'paġ. 28 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Joseph Schranz 26.2.1999, f'paġ. 38 tal-proċess

Huwa qal “il-kuntratt kien żgħir, u kuntratt żgħir taf, ma jkunx hemm dik l-importanza li wieħed juri daqshekk min qed jirappreżenta lil min. In-negozjati kienu dejjem saru bejn is-Sur Said u s-Sur Dalli jew il-mara tiegħu, ‘*whoever*’ kien ‘*available at the time*’, pero’ qatt ma kien hemm distinzjoni kbira ta’ ‘*who is doing what*’.”[51]

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tasal għall-fehma li kull xogħol lil hinn minn dak li tqies li kien jagħmel mill-ftehim magħmul fis-7 ta’ Awissu, 1995, m’għandhomx jagħmlu tajjeb għalih l-imħarrkin;

Illi l-**imħarrkin iressqu tliet ilmenti oħrajn** li din il-Qorti tara li jmissha tistħarreġ . L-**ewwel wieħed** hu fis-sens li VBG ma temmitx ix-xogħol li tqabbdet tagħmel fiż-żmien miftiehem. Jibda biex jingħad li kien hemm patt fil-ftehim magħmul bejn il-partijiet[52] li jgħid li ż-żmien tat-tlestija jitwal meta jintalbu xogħlijiet oħrajn hu u għaddej ix-xogħol miftiehem. Hekk kienet iċ-ċirkostanza f’dan il-każ tant li hemm xhieda li tgħid li wħud mix-xogħlijiet żejda ntalbu f’Ottubru[53]. Fit-tieni lok, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda prova dwar meta fil-fatt intemmu x-

xogħlijiet, għalkemm jidher li l-kont inħareġ f’April tal-1996[54]. Fit-tielet lok, ma jidhirx li l-imħarrkin qatt interpellaw lil VBG b’att ġudizzjarju jew mod ieħor dwar dewmien: għall-kuntrarju, l-imħarrek xehed li hu lanqas kien involut fix-xogħlijiet żejda li ġew ordnati, u dan ifisser li lanqas huwa f’qagħda li jgħid kategorikament li l-istess xogħlijiet li l-imħarrkin huma responsabbli għalihom ma sarux fiż-żmien maqbul;

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li dak l-ilment huwa mistħoqqa;

Illi **t-tieni lment** hu li mhux ix-xogħlijiet kollha ordnati u miftehma saru. Dan l-ilment huwa xilja ta’ inadempiment.

[51] Xhieda tiegħu, f’paġ. 54 tal-proċess
[52] Klawsola 15 f’paġ,. 28 tal-proċess.
[53] Xhieda ta’ Ronnie Axiaq 16.4.1999, f’paġ. 51 tal-proċess
[54] Dok “AV3”, f’paġġ. 47 – 8 tal-proċess

Meta fissru fir-rigward ta' liema xogħlijiet ordnati ma kienx sar ix-xogħol, l-imħarrkin semmew ix-xogħol tad-drenaġġ. Dwar dan, VBG qablet, iżda żiedet tfisser ukoll għaliex ma kienx sar dak ix-xogħol u iċċarat li għax-xogħol li ma sarx ma kinitx talbet ħlas[55];

Illi, għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tal-imħarrkin f'dan ir-rigward huwa mistħoqq;

Illi, fit-tielet ilment, l-imħarrkin jgħidu li x-**xogħol ta' l-appalt ma sarx f'ġid tagħhom**, imma f'ġid ta' terzi, u huma ma ħadu l-ebda benefiċċju minnu. Dan l-argument ma jistax jitqies tajjeb għaliex il-kuntratt tal-appalt ma jista' bl-ebda mod jintrabat mal-post fejn ikunu saru x-xogħlijiet appaltati[56]. Fuq kollox, meta l-imħarrek iffirma l-ftehim ma' VBG kien issemma li x-xogħol kien se' jsir f'Tas-Silġ. Fit-tielet lok, hemm xhieda li turi li l-Għaqda mħarrka wriet ix-xewqa li toħroġ in-nefqa għax-xogħol appaltat għaliex kieku ma kien jagħmel l-ebda sens li tidħol fi ftehim ma' VBG;

Illi għalhekk, lanqas dan l-ilment m'għandu jintlaqa';

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti trid tqis **dwar l-ammont li l-imħarrkin għad fadlilhom iħallsu**, jekk dan huwa l-każ. Ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrkin iridu jħallsu biss għal dak ix-xogħol appaltat li jagħmel mill-kitba ta' Awissu tal-1995, huwa biss il-valur tax-xogħol imsemmi fl-ewwel tliet partiti tal-kont maħruġ minn VBG li l-imħarrkin

iridu jwieġbu għalih. Ix-xogħol kollu msemmi f'dawk it-tliet partiti jitla' għal erbat elef tmien mija u għaxar liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm 4,810.10)[57]. Mill-imsemmi ammont jidher li l-imħarrkin jistqarru li ħallsu b'kollox tlitt elef tmien mija u ħamsi lira Maltin (Lm 3,850), u għalhekk ifisser li l-imħarrkin għad fadlilhom iħallsu bilanċ ta' elfejn mitejn u sitta u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€ 2,236.43);

---

[55] Xhieda Ronnie Axiaq 16.4.1999, f'paġ. 63 tal-proċess
[56] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonsons Ltd. vs Perit Catherine Galea***
[57] Li jġibu € 11,204.52 fi flus tal-lum

Illi dan ifisser li l-imħarrkin issaldaw biċċa kbira mill-ammont kollu li jirrappreżenta x-xogħol miftiehem li sar b'appalt minn VBG, u kull bilanċ ieħor li l-istess kumpannija attriċi jidhrilha li jistħoqqilha ħlas tiegħu trid tiġbru mingħand terzi u mhux mingħand l-imħarrkin;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar l-ewwel talba, u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fit-18 ta' Jannar, 1999;

**Tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet** tal-imħarrek *proprio* u *nomine*;

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tagħhom u, limitatament, **tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek *proprio* u *nomine* jħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elfejn mitejn u sitta u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€ 2,236.43) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol appaltat magħmul mill-istess kumpannija attriċi skond il-ftehim tal-appalt tas-7 ta' Awissu, 1995, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-27 ta' Ottubru, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-kumpannija attriċi tħallas ħames partijiet minn sitta ($^{5}/_{6}$) mill-**ispejjeż tal-kawża** filwaqt li l-imħarrek *proprio* u *nomine* jħallas il-parti minn sitta ($^{1}/_{6}$) l-oħra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------